MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-16 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 275/2011

**Edward Camilleri**

**(ID 308977M)**

**vs**

**Anthony Bartolo (143751M), Joseph Cassar (ID 220052M), Brian Ebejer (ID 812258M), Adrian George Falzon (ID 196268M), Philip Micallef (ID 516782M) u Robert G Xuereb (ID 170962M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 23 ta' Awissu 2011 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimati ihalsuh is-somma ta' disat elef u sebghin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€9,070.53) rappresentanti danni kkagunati fil-propjeta tar-rikorrenti ossija 7, Triq Hal-Xluq, Siggiewi in segwitu ta' xogholijiet illi l-istess intimati ghamlu fil-fond adjacenti

ossija 5 gia Lourdes House, Triq Hal-Xluq, Siggiewi, propjeta ta' l-intimati, liema hsarat sehhew kagun ta' imperizja, nuqqas ta' hila, sengha u tharis tar-regolamenti.

Rat ir-risposta ta' l-intimati ippresentata fl-14 ta' Ottubtu 2011, fejn, fuq bazi preliminari, eccepew illi f'isimhom proproju kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju peress illi ma kienux il-legittimi kontradditturi. Fuq il-meritu, l-intimati sahqu illi dak mitlub ma kienx dovut peress illi kien manifestament esagerat.

Rat illi fit 2 ta' Marzu 2012, il-Perit Edgar Rossignaud tqabbad bhala Perit Tekniku sabiex jikkonstata id-danni illi setghu gew ikkawzati fil-fond 7, Triq Hal-Xluq, Siggiewi u, wara li jikkonsulta mal-Periti taz-zewgt partijiet, jirrelata dwar id-danni kkawzati u l-istima illi huwa jhoss idoneju sabiex tali danni jigu rimedjati.

Rat ir-rapport tal-**Perit Edgar Rossignaud** ippresesentat fid 9 ta' Novembru 2012.

Rat ir-risposti in eskussjoni bil-miktub ghal-domandi illi sarulu mir-rikorrenti u ippresentat fis 6 ta' Mejju 2013.

Semghet ix-xhieda u kontro ezami ta' **Edward Camilleri** moghtija fit 28 ta' Ottubru 2013.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrenti fit 30 ta' Ottubru 2013.

Semghet ix-xhieda u kontro ezami tal-**Perit Philip Micallef** moghtija fl-24 ta' Frar 2014

Semghet ix-xhieda u kontro ezami tal-**Perit Robert Musumeci** moghtija fl 14 ta' April 2014.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrenti fil 25 ta' April 2014.

Rat illi fl-14 ta' Lulju 2014 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Rat illi fis-27 ta' Ottubru 2014, il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet kienu qed jiddiskutu l-possibilta' ta' transazzjoni.

Rat illi fit 22 ta' Jannar 2015, il-Qorti giet infurmata dwar it-transazzjoni kif gej:

> *"Id-difensuri tal-partijiet jiddikaraw konguntivament li ntlaqhet transazzjoni fis-sens illi l-konvenuti ghandhom ihallsu s-somma komplessiva ta' hamest elef u sitt mitt Euro (€5,600) ghas-saldu tas-sorte u imghax pretizi fuq l-istess filwaqt illi l-ispejjez tal-kaz jibqu bla taxxa".*

Rat illi fit 2 ta' Frar 2015 il-Qorti giet infurmata illi kien ghadu ma sarx il-hlas abbazi tal-ftehim ivverbalizat quddiem il-Qorti.

Rat illi fit 12 ta' Frar 2015, il-Qorti regghet giet infurmata illi l-pagament kien ghadu ma sehhx, u ghalhekk il-Qorti differiet il-kawza ghas-sentenza abbazi tal-ftehim ivverbalizzat quddiemha fit-22 ta' Jannar 2015.

Il-Qorti ghalhekk,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat il-verbal tal-partijiet illi sar quddiemha fit 22 ta' Jannar 2015,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz odjern billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati

**Tilqa** t-talbiet attrici u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimati in solidum bejniethom ihallsu s-somma ta' hamest elef u sitt mitt Euro (€5,600) lir-rikorrent bhala danni minnhom ikkawzati lill-istess rikorrent u imghax fuq l-istess sad-data tas-sentenza.

Imghax fuq tali somma tibda tiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza odjerna jibqghu bla taxxa

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------